MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' April, 2007

Numru. 1284/2006

Il-Pulizija
(Spettur Paul Bond)

vs

Bjorn Borg

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Bjorn Borg, bin Joseph u l-mejta Doris imwielda Monreal, imwieled tal-Pieta’ fl-20 ta’ Jannar, 1983, u joqghod 71, “Bjorndorjoe”, Triq Ruzar Briffa, Mosta, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 83283M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fl-10 ta’ Novembru, 2006 u matul il-jiem precedenti, b’diversi azzjonijiet maghmulin minnu, fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni

wahda, ikkommetta serq ta’ digital camera kif ukoll lap top minn gewwa l-fond Flat 4, Block C, Binja ta’ l-Isperanza, taz-Zokrija, limiti tal-Mosta, liema serq hu ggravat bil-mezz, valur, persuna u lok u dan ghad-dannu ta’ Noel Zammit.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 6 ta’ Dicembru, 2006 sabiex fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parti ta’ l-imputat din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami li sar fit-23 ta’ Frar, 2007 ai termini ta’ l-Artikoli 370 (4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti tas-seduta tat-23 ta’ Frar, 2007 ghall-akkuza kif dedotta fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap 9, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li hu hati din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li qed issibu hati ta’ l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena, il-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta ta’ l-imputat, il-fatt li huwa rregistra ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri, il-fatt li parti mir-refurtiva giet ritornata lil parti lesa u l-fatt li l-imputat kkopera mal-Prosekuzzjoni fil-kors ta’ l-investigazzjonijiet li jirrigwardaw dan il-kaz.

Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Artikoli 18, 261, 263, 267, 268 u 269 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Artikolu 22 (1)

tal-Kap 446 filwaqt li tiddikjara lill-imputati hati ta’ l-akkuza kif minnu ammessa tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li huwa ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------